**Il-ballun**

Mulej, illum nixtieq nibda' parlata
Miegħek, ħabib li veru tista' tafdah,
Għax int mhux talli 'l min ikellmek titfgħu
F'baħar ta' mrar, sakemm il-mewġa tifgah.

U hekk komdu miegħek nista' nitħaddet
Fuq dan l-imbierek u magħruf ta' ballun,
Li daqqa jwaddbuh b'saħħithom b'idejhom
U daqqa jixxutjawh jew f'liema naħa jkun.

U l-ballun, miskin, fejn tridu li jitlaq
Jekk mhux fid-direzzjoni li jibgħatuh?
Jista' xi darba jieqaf w jiddiskuti?
Jista' jiddefendi ruħu kif jqisuh?

L-istess hu l-kliem "l-imħabba" magħha "il-ħniena"
Kemm jiġu ntużati b'ħafna kbir tidwir,
Li jħawwdu saħansitra lil min jużahom
Aħseb u ara lis-semmiegħ żgħir u kbir!

Imma taf x'hemm tajjeb f'dan kollu Mulej
Li l-ġudizzju aħħari hu biss f'idejk,
X'ferħ kbir dan hu dan għalija ja Mulejja
Int waħdek is-Sultan t'issa w ta' li ġej.

Għax mal-ħaqq li tgħaddi int kulħadd jiskot
Hemm fuq toħroġ biss il-pura verità,
Hemm fuq il-ballun jinfaqa' w jiċċarat
Għax minnu toħroġ ir-rabja w l-falsità.

Għalhekk nifraħ bil-bosta meta nara
'l-poplu tiegħek lilek ifittex dirett,
Għax Int u Int biss biss f'kull sitwazzjoni
Tgħaddi l-ġudizzju li jfejjaq għax rett!

Patri Mario Attard OFM Cap
9 ta' Jannar 2021